

Brussell, 8 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11376/26

AGRI 560
AGRIORG 90
AGRIFIN 138
AGRISTR 38
ENV 921
POLCOM 275
VETER 115

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 576 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE dwar il-bhejjem

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 576 final.

Mehmuż: COM(2026) 576 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 7.7.2026
COM(2026) 576 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Strateġija tal-UE dwar il-bhejje m

{SWD(2026) 576 final}

1. INTRODUZZJONI

It-trobbija tal-bhejjem hija waħda mill-eqdem attivitajiet tal-umanità. Minn meta l-annimali ġew domestikati għall-ewwel darba aktar minn 10 000 sena ilu, kellha rwol ċentrali fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' ċiviltażijiet. Matul is-sekli, it-trobbija tal-bhejjem mhux biss kienet parti indispensabbli mis-sistema tal-ikel tagħna. Sostniet ukoll l-għajxien ta' Ewropej, saret sinsla tal-ekonomiji rurali u element li jiddefinixxi l-pajsaġġi tagħna.

Fl-Ewropa tal-lum, it-trobbija tal-bhejjem hija attività ekonomika diversa u kumplessa li tirrappreżenta madwar 40 % tal-valur miżjud agrikolu tal-UE u tiġġenera EUR 400 biljun f'fatturat fis-sena. Għandha impatt soċjali u territorjali qawwi: timpjega madwar 7 miljun ruħ u tibbaża fuq 4 miljun farm imqassma madwar il-ġeografija Ewropea kollha, ħafna drabi f'żoni bi ftit attivitajiet ekonomiċi alternattivi. Mill-mergħat Alpini għar-regġuni tal-fruntiera tal-Lvant, miż-żoni tal-Artiku sad-*dehesas* tan-Nofsinhar u r-regġuni ultraperiferiċi tal-UE kif ukoll il-gżejjer tal-Mediterran, iż-żoni rurali tal-Ewropa jeħtieġu l-bhejjem għas-sopravivenza tagħhom. Bir-rwol kruċjali tagħha fiż-żamma tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali u l-vitalità ekonomika tagħhom, tipprovdi kontribut qawwi għall-oġġettivi ta' sigurtà u għall-preparatezza tal-UE. In-naħa tal-fruntiera tal-Lvant tal-Ewropa tinsab f'riskju għoli ta' abbandun tal-art, akkumpanjat minn tnaqqis mgħaġġel fil-popolazzjoni tal-bhejjem, li jnaqqas ulterjorment ir-reżiljenza ta' dawn ir-regġuni biex jirrispondu għall-kriżijiet u r-riskji tas-sigurtà⁽¹⁾.

Is-settur tat-trobbija tal-bhejjem tal-UE għandu rwol kruċjali fil-kontribut għas-sigurtà tal-ikel billi jipprovdi proteina ta' kwalità għolja, mhux biss fl-UE iżda wkoll fil-livell globali, b'bilanċ kummerċjali pożittiv tal-UE u b'domanda dejjem tikber għal prodotti tal-UE bis-saħħa ta' standards, kwalità u sostenibbiltà ewlenin fid-dinja⁽²⁾, li jippermettulhom iġorru l-bandiera tal-eċċellenza Ewropea madwar id-dinja.

Bħala settur strateġiku ewlieni għall-kompetittività tal-Unjoni u għall-awtonomija strateġika miftuħa, din l-istrateġija tistabbilixxi azzjonijiet biex tindirizza l-vulnerabbiltajiet eżistenti tagħha, u żżid ir-reżiljenza tagħha f'dinja ta' kompetizzjoni tas-suq li qed tikber. Fl-istess ħin, is-settur jeħtieġ li jirrispondi aħjar għall-aspettattivi soċjetali dejjem jiżdiedu, b'mod partikolari dwar il-benesseri tal-annimali, jibdel l-impronta ambjentali tiegħu f'esternalitajiet pożittivi u jsaħħaħ l-ankraġġ territorjali tiegħu. It-titjib fl-integrazzjoni tal-katina alimentari u l-adozzjoni ta' approċċ ċirkolari sħiħ jippermettu l-valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji u tal-bijomassa kollha biex jiġi ġġenerat introjtu addizzjonali għall-bdiewa, filwaqt li titnaqqas l-impronta tal-karbonju tal-produzzjoni tal-bhejjem.

⁽¹⁾ Komunikazzjoni dwar ir-regġuni tal-Lvant li jmissu mar-Russja, il-Belarusja u l-Ukrajna COM(2026) 82 final

⁽²⁾ Globalment, il-konsum tal-laħam huwa mistenni li jibqa' jikber minħabba t-tkabbir mgħaġġel tal-popolazzjoni u tal-introjtu. L-Unjoni hija negozjant globali ewlieni fil-prodotti tal-annimali. Fl-2025, l-UE esportat prodotti tal-annimali b'valur ta' EUR 53 biljun, filwaqt li l-importazzjonijiet ammontaw għal EUR 16-il biljun. Il-prodotti tal-ħalib huma fuq quddiem: fl-2025 kienu jiswew EUR 20,7 biljun b'surplus kummerċjali nett ta' EUR 18-il biljun. Il-bilanċ kummerċjali tal-UE fil-prodotti tal-annimali kien pożittiv matul l-aħħar deċennju.

Kif imħabbar fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel⁽³⁾, is-settur tal-bhejjem tal-UE jistħoqqlu strateġija fit-tul li tirrispetta d-diversità u l-ispeċifità tal-produzzjoni tal-bhejjem madwar l-Ewropa. It-tkomplija tat-tranżizzjoni lejn settur tal-bhejjem reżiljenti, kompetittiv u sostenibbli fl-UE hija kruċjali għall-ġlieda kontra d-depopolazzjoni fl-aktar territorji vulnerabbli filwaqt li fl-istess ħin tikkontribwixxi għall-għan li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050. Tali tranżizzjoni se tkun fost l-oġettivi appoġġati mill-Politika Agrikola Komuni (PAK) wara l-2027, u b'hekk issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għat-Tiġdid Ġenerazzjonali⁽⁴⁾, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija⁽⁵⁾, il-pjan ta' azzjoni rurali l-ġdid li ġej⁽⁶⁾, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti⁽⁷⁾ u l-komunikazzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ⁽⁸⁾. Fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni tinvolvi ruħha ma' korpi multilaterali biex takkumpanja dik it-tranżizzjoni permezz tal-allinjament ta' standards internazzjonali, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni Globali għall-Bhejjem Sostenibbli.

Biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tas-settur tal-bhejjem tal-UE, hija meħtieġa strateġija biex:

- Tavvanza lejn **sistema tal-bhejjem reżiljenti** li tiflaħ għall-kriżijiet u tkun adattata aħjar għall-istress klimatiku,
- Issaħħaħ il-**kompetittività** tagħha fil-livell tal-UE u globali,
- Tiżgura li s-settur jibqa' validu fil-futur permezz tat-**tisħiħ tal-kundizzjonijiet tal-benesseri tal-annimali u t-tnaqqis tal-impronta ambjentali u klimatika tiegħu**,
- Tiżgura li s-sistemi tal-produzzjoni tal-bhejjem ikomplu **jissodisfaw il-karatteristiċi uniċi ta' reġjuni differenti**, isostnu l-ekonomiji u t-tradizzjonijiet rurali madwar l-Ewropa u jkomplu jikkontribwixxu għaż-żamma tal-bijodiversità rikka tagħhom,
- Trawwem l-**eċċellenza** fil-produzzjoni tal-bhejjem bħala approċċ Ewropew distint għat-trobbija tal-bhejjem li huwa rikonoxxut u apprezzat mill-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-benesseri tal-annimali.

L-istrateġija tibni fuq involviment estensiv tal-partijiet ikkonċernati, imfassal mill-Fluss ta' Ħidma Dwar il-Bhejjem, inkluż aktar minn sena ta' djalogu mal-Istati Membri, mal-bdiewa, mar-rappreżentanti tal-industrija, u mas-soċjetà ċivili, inkluż mal-Bord Ewropew għall-Agrikoltura u għall-Ikel. Hija akkumpanjata minn pjan dwar il-proteini biex is-sistema tal-proteini tal-UE ssir aktar reżiljenti u sostenibbli. Din il-Komunikazzjoni, ibbażata fuq dijanjożi tal-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet tas-settur ippreżentati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-komunikazzjoni, tqis ir-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew “ *Kif nassiguraw futur*

⁽³⁾ Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel: Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75 final

⁽⁴⁾ Strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura, COM/2025/872 final

⁽⁵⁾ Qafas Strateġiku għal Bijoeconomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE, COM(2025) 960

⁽⁶⁾ Pjan ta' azzjoni rurali tal-UE rieżaminat Li jakkumpanja d-dokument Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE: il-kisbiet ewlenin u t-triq 'il quddiem, SWD/2024/451 final

⁽⁷⁾ Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti: Sħubija biex jiġi żgurati d-disponibbiltà, l-affordabbiltà, u l-awtonomija strateġika fir-rigward tal-fertilizzanti prodotti lokalment fl-UE, COM (2026) 310 final

⁽⁸⁾ Komunikazzjoni dwar il-ġestjoni integrata tar-riskju tan-nirien, COM (2026) 330 final

sostenibbli għas-settur tal-bhejjem tal-UE fid-dawl tal-ħtieġa li niżguraw is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tal-bdiewa u nirrispondu għall-isfidi li jgħib il-mard tal-annimali?”⁽⁹⁾.

2. IS-SETTUR TAL-BHEJJEM TAL-UE LLUM

2.1. Opportunitajiet u sfidi

Is-settur tal-bhejjem tal-UE qed jiffaċċja taħlita ta' pressjonijiet strutturali u ta' kuljum. Dawn il-pressjonijiet diġà qed jikkontribwixxu għall-għeluq tal-farms f'xi reġjuni, partikolarment fil-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż, u jqajmu tħassib dwar il-kontinwità fit-tul tal-attività tal-bhejjem f'partijiet tal-Unjoni. Pereżempju, Franza tilfet 16 % tal-popolazzjoni bovina tagħha fl-aħħar deċennju u, fl-istess perjodu, il-Ġermanja tilfet 22 % tal-popolazzjoni tal-majjali tagħha.

Sfida ċentrali hija l-**profittabilità**. Il-kostijiet għoljin tal-input, il-volatilità tas-suq, u l-esponiment għall-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-għalf u l-enerġija jkomplu jnaqqsu l-marġini. Fl-istess ħin, il-konformità ma' standards għoljin tal-UE meħtieġa biex jiġu protetti l-benesseri tal-annimali, is-sikurezza tal-ikel, il-klima u l-protezzjoni ambjentali tista' tiġġenera kostijiet tal-produzzjoni li mhux dejjem ikunu riflessi fil-prezzijiet tas-suq. Il-bdiewa jiffaċċjaw ukoll saħħa ta' negozjar dgħajfa max-xerrejja.

Is-settur tal-bhejjem tal-UE jiffaċċja wkoll sfidi ta' sostenibbiltà. Huwa sors ewlieni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra agrikoli, tniġġis mill-ammonijaka u minn nutrijenti, li jaffettwa l-klima, l-arja, il-kwalità tal-ilma u l-bijodiversità. Filwaqt li l-emissjonijiet ilhom jonqsu b'mod konsistenti, il-pass huwa wieħed kajman. Il-konċentrazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem f'xi żoni tal-UE toħloq żbilanċi tan-nutrijenti, li jirriżultaw fi tniġġis tan-nutrijenti. Fl-istess ħin, il-mergħa estensiva tal-bhejjem hija essenzjali biex jinżammu mergħat li jappoġġaw il-bijodiversità, bijotopi rurali, tiġi kkonservata n-natura u tgħin biex tevita l-abbandun tal-art u d-depopolazzjoni taż-żoni rurali.

Diversi **vulnerabbiltajiet strutturali** jsawru ulterjorment il-prospetti tas-settur. Popolazzjoni agrikola li qed tixjieħ, tiġdid ġenerazzjonali insuffiċjenti, nuqqas ta' ħaddiema—inkluż fis-servizzi veterinarji rurali—u kundizzjonijiet tax-xogħol eżiġenti jheddu l-kapaċità futura tagħha. L-impatti tat-tibdil fil-klima u t-tifqigħat ta' mard tal-annimali huma ta' piż fuq ir-riżultati ekonomiċi.

Il-futur tas-settur tal-bhejjem tal-UE jrid jibni fuq il-punti b'saħħithom u importanti tiegħu u fuq l-opportunitajiet. Is-settur tal-bhejjem tal-UE għandu l-għeruw tiegħu fit-tradizzjoni iżda huwa sostnut mill-innovazzjoni u mill-intraprenditorija. Id-diversità tas-sistemi ta' produzzjoni, tal-ispeċijiet u tat-territorji tiegħu ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-adattabilità. Standards għoljin tal-UE jsaħħu l-fiduċja tal-konsumatur u jippermettu pożizzjonament b'saħħtu fi swieq primjum. F'diversi setturi, sistemi ta' produzzjoni effiċjenti, servizzi veterinarji avanzati u ktajjen tal-provvista żviluppatti sew jappoġġaw il-produttività u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni. L-innovazzjoni u l-adozzjoni ta' approċċi ta' bijoekonomija ċirkolari qed itejbu kemm il-kompetittività kif ukoll ir-riżultati ambjentali. Dejjem aktar, il-bdiewa mhumix biss produttori tal-ikel, iżda wkoll gwardjani tan-natura, fornituri tal-akkomodazzjoni tat-turiżmu u “kultivaturi tal-enerġija”, li jipproduċu enerġija rinnovabbli għal skopijiet fil-farm u f'ħafna każijiet għal konsum usa', u b'hekk inaqqsu d-dipendenzi tal-UE fuq alternattivi bbażati fuq il-fjuwils fossili.

⁽⁹⁾ 2025/2053(INI)

3. L-ISTRATEĠIJA

L-Unjoni tal-2040 trid tkun post fejn it-trobbija sostenibbli tal-bhejjem mhux biss tibqa' ħajja iżda tiffjorixxi.

Is-settur irid ikun appoġġat minn qafas ta' politika koerenti li jkun sempliċi, prevedibbli u li jqis ir-realtajiet tal-biedja. Fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss u mingħajr ma jiġu preġudikati n-negożjati tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li għaddejjin, il-PAK se tkompli tkun il-pilastru ewlieni ta' appoġġ, kemm għall-introjt, għall-investimenti u għall-inċentivi, fi ħdan il-pjanijiet futuri ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, ikkomplementata mill-Programm Orizzont Ewropa⁽¹⁰⁾ propost u mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK)⁽¹¹⁾ biex tiġi stimulata l-innovazzjoni.

Din l-istrateġija tagħti direzzjoni fit-tul għall-kompetittività u għas-sostenibbiltà tas-settur, f'kuntest ta' preparatezza akbar. Din tissarraff f'punti ta' azzjoni operazzjonali fil-livell tal-UE, tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati, b'enfasi fuq soluzzjonijiet immirati u territorjali adattati għal sistemi ta' produzzjoni u reġjuni differenti, filwaqt li tadotta approċċ olistiku, koerenti u transpolitiku.

Il-Kummissjoni beħsiebha żżomm il-**fluss ta' ħidma dwar il-bhejjem** bħala forum għad-diskussjoni u għall-iżvilupp ulterjuri ta' ċerti inizjattivi identifikati hawn taħt, peress li jipprovdi mod inklużiv kif titwettaq l-Istrateġija.

3.1. Settur tal-bhejjem reżiljenti li jiflaħ għall-kriżi

Sistema tal-bhejjem reżiljenti hija essenzjali għas-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija strateġika u l-vitalità rurali tal-Unjoni. Ir-reżiljenza tfisser aktar mill-kapaċità li wieħed jirkupra wara xokk. Tfisser ukoll li jkun jista' jantiċipa r-riskji, inaqqas il-vulnerabbiltajiet, jadatta għal bidliet strutturali u jkompli jipprovdi ikel sikur, sostenibbli u bi prezz raġonevoli taħt kundizzjonijiet dejjem aktar diffiċli. Għas-settur tal-bhejjem, din issa hija prijorità urġenti. Il-produtturi jiffaċċjaw pressjoni dejjem tikber minn swieq volatili, żieda fl-inputs u l-kostijiet fissi, it-tibdil fil-klima, l-iskarsezza tal-ilma, il-mard tal-annimali, in-nuqqas ta' ħaddiema u n-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa, l-instabbiltà ġeopolitika u l-kompetizzjoni globali inġusta. Għalhekk huwa meħtieġ settur aktar b'saħħtu u aktar reżiljenti kemm biex jiproteġi l-għajxien tal-bdiewa kif ukoll biex jippreserva l-kapaċità tal-Unjoni li tipproduċi.

L-ewwel prijorità hija li jissaħħaħ il-qafas għall-ġestjoni tar-riskju. Ir-raħħala jeħtieġu aċċess aħjar għal finanzjament, assigurazzjoni, riassigurazzjoni, fondi mutwi u għodod għall-istabbilizzazzjoni tal-introjt, li jirriflettu r-riskji speċifiċi tas-settur, inklużi avvenimenti klimatiċi, tfixkil fis-suq u mard tal-annimali. Il-politika futura għandha ttejjeb

⁽¹⁰⁾ Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034 li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695 COM/2025/543 final

⁽¹¹⁾ Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, li jħassar id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, u li jemenda r-Regolamenti (UE) [EDIP] COM/2025/555 final

il-koerenza bejn il-ġestjoni tar-riskju u l-ġestjoni tal-kriżi sabiex l-appoġġ ta' emerġenza ma jissostitwix il-preparatezza iżda jikkomplimentaha.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qed tfejji x-xogħol preparatorju ma' istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż il-Bank Ewropew tal-Investment, biex tesplora l-possibbiltà li tiżviluppa **skema finanzjarju dedikat għall-ġestjoni tar-riskju taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027**, li jkopri l-ħtiġijiet tal-assigurazzjoni u tar-rassigurazzjoni relatati mal-klima u li jestendi l-appoġġ għar-riskji marbuta mal-mard tal-annimali, biex jikkomplementa l-istrumenti eżistenti⁽¹²⁾.

Is-sett ta' għodod għall-ġestjoni tar-riskju taħt il-PAK kurrenti u futura diġà huwa pjuttost komprensiv⁽¹³⁾, u jagħti lill-Istati Membri għażliet biex jagħżlu u jadattaw dawk l-għodod għall-bżonnijiet tagħhom. Il-Kummissjoni se tfejji **manwal b'orjentazzjonijiet prattiċi dwar il-ġestjoni tar-riskju**, billi tuża l-għarfien espert tal-UE u dak internazzjonali, sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jirriflettu aħjar dawn il-ħtiġijiet fil-pjanijiet futuri tagħhom tal-programm nazzjonali ta' riforma (PNR). Dan se **jikkomplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-PAK** li se jkopru wkoll aspetti tal-ġestjoni tar-riskju. Il-Kummissjoni se tivvaluta u se tnaqqas ukoll, fejn rilevanti, l-ostakli amministrattivi fl-istabbiliment ta' għodod speċifiċi għall-ġestjoni tar-riskju, bħala fondi mutwi, biex tindirizza l-adozzjoni baxxa, partikolarment minn farms żgħar.

It-tieni prijorità hija li tissaħħaħ il-prevenzjoni u li jissaħħaħ ir-rispons għall-mard. Il-mard tal-annimali inklużi ż-żoonożi jibqa' fost l-aktar theddidiet serji għar-reżiljenza tal-bhejjem, il-bijodiversità u potenzjalment is-saħħa tal-bniedem. Tifqigħat reċenti, li intensifikaw bil-qawwa fil-frekwenza tagħhom, urew l-iskala tal-ħsara ekonomika u soċjali li jistgħu jikkawżaw, inkluża l-qerda ta' għadd kbir ta' annimali u tfixkil fil-kummerċ u l-attività rurali. **Miżuri ta' bijosigurtà b'saħħithom** jibqgħu l-ewwel linja ta' difiża u huma element essenzjali ta' prevenzjoni. Barra minn hekk, **l-evalwazzjoni tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali** se tipprovdi bażi għall-aġġornament tal-approċċ "Saħħa Waħda" tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-mard, inkluż użu usa' u bbażat fuq ix-xjenza tat-tilqim preventiv fejn xieraq. Biex tissaħħaħ l-adattabilità għar-riskji u għall-mard emerġenti, **il-Kummissjoni se tirrieżamina jekk is-sistema kurrenti ta' kategorizzazzjoni tal-mard għadhiex adegwata għall-użu tagħha** u jekk il-kriterji ta' kategorizzazzjoni jindirizzawx b'mod adegwat sfidi speċifiċi. Biex issaħħaħ il-miżuri armonizzati ta' kontroll tal-mard madwar l-UE, il-Kummissjoni se tkompli tipproponi aġġornamenti għal-leġiżlazzjoni f'konformità mal-aktar żviluppi xjentifiċi u standards internazzjonali reċenti kif stabbiliti mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) u se tadotta regoli ta' implimentazzjoni biex tiċċara r-rwoli u r-responsabbiltajiet b'mod aktar ċar. Biex tappoġġa użu usa' u bbażat fuq ix-xjenza tat-tilqim preventiv, **il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll jekk ir-regoli u l-prinċipji kurrenti tat-tilqim għadhomx xierqa.**

Din il-ħidma għandha tkun ibbażata fuq l-aktar pariri xjentifiċi reċenti mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u hija appoġġata minn impenn internazzjonali aktar b'saħħtu biex tiġi promossa l-aċċettazzjoni tal-miżuri sanitarji tal-UE. Biex tindirizza

⁽¹²⁾ fi-compass, 2025, harsa ġenerali lejn ix-xejriet tar-riskju klimatiku agrikolu madwar l-Ewropa taħt il-klima kurrenti u fl-2050 - Insurance and Risk Management Tools for Agriculture in the EU (https://www.fi-compass.eu/sites/default/files/publications/EAFRD_AGRRI_Insurance_Risk_MA.pdf)

⁽¹³⁾ Il-Bank Dinji: Solutions for Better Agri-Risk Management in the European Union (<https://documents.worldbank.org/en/publication/documents-reports/documentdetail/099032326044016306>)

r-rikonoxximent mhux uniformi minn pajjiżi terzi tar-reġjonalizzazzjoni, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lill-Istati Membri billi tiżviluppa **gwida dwar l-applikazzjoni tat-tilqim flimkien mar-reġjonalizzazzjoni u l-kompartimentalizzazzjoni**, filwaqt li tkompli tappoġġa r-rikonoxximent tal-approċċ ta' reġjonalizzazzjoni tal-UE inkluż it-tilqim ma' sħab kummerċjali f'fora bilaterali u multilaterali.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni kontinwi fis-saħħa tal-annimali u t-tilqim, inklużi l-vaċċini li jiddifferenzjaw bejn l-annimali infettati u daww vaċċinati (DIVA) ⁽¹⁴⁾, jibqgħu essenzjali, inkluż dwar vaċċini potenzjali għal mard transkonfinali ewlieni. It-tieqa ddedikata proposta taħt il-qafas ta' Orizzont Ewropa se tappoġġa din il-ħidma.

Bħala parti mill-miżuri preventivi, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa u ssaħħa il-kapaċità tal-Istati Membri fis-sorveljanza tal-mard rilevanti tal-annimali, filwaqt li tiżgura **skoperta bikrija u azzjoni bikrija**. Il-mekkaniżmi ta' twissija bikrija huma importanti ħafna. Il-Kummissjoni se tivvaluta kif tiffinanzja t-titjib tas-sistemi eżistenti, kif tintegra aħjar id-diġitalizzazzjoni fl-iskoperta u fit-twissija, kif ukoll kif ittejjeb it-tixrid tal-informazzjoni lill-bdiewa madwar l-UE (apps, hotlines).

Fl-istess ħin, **finanzjament adegwat tal-UE huwa essenzjali għall-prevenzjoni, għas-sorveljanza, għall-kontroll u għall-qerda**, speċjalment għal miżuri ta' emerġenza f'każ ta' tifqigħat. Il-faċilità tal-UE proposta taħt il-QFP tippermetti politika komuni fl-oqsma tas-saħħa u s-sikurezza (inkluż għall-annimali) u tista' tipprovdi appoġġ dedikat f'każ ta' mard tal-annimali, soġġett għal proċeduri baġitarji annwali. Fil-pjanijiet tal-PNR tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll aċċess imtejjeb għall-bdiewa u għall-adozzjoni ta' għodod preventivi, inklużi l-bijosigurtà u l-vaċċini, u jiżguraw servizzi konsultattivi adegwati u persunal veterinarju suffiċjenti billi jintroduċu inċentivi finanzjarji għall-veterinarji f'żoni rurali, filwaqt li l-partijiet ikkonċernati huma mistennija li jtejbju l-miżuri ta' biosigurtà ffil-farm u jintegraw l-aħjar prattiki biex jipprevjenu l-mard tal-annimali.

It-tielet prijorità hija li ninvestu aktar fl-adattament, fil-mitigazzjoni u fl-innovazzjoni għat-tibdil fil-klima. Dan jista' jinkludi appoġġ għal innovazzjonijiet li jnaqqsu l-intensità tal-emissjonijiet, itejbu l-ġestjoni tan-nutrijenti u jsaħħu l-kontribut tas-sistemi tal-bhejjem għall-ekonomija ċirkolari, flimkien ma' miżuri ta' adattament. Ir-reżiljenza tiddependi dejjem aktar fuq il-kapaċità tas-settur li jlaħħaq mal-istress klimatiku u li juża r-riżorsi b'mod aktar effiċjenti. Iż-żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma tista' tikkontribwixxi kemm għar-reżiljenza tal-ilma kif ukoll għar-reżiljenza tal-bdiewa. Dan jinkludi l-preservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi u strateġiji ta' tnissil li jtejbju karatteristiċi ta' reżiljenza bħat-tolleranza għan-nixfa u r-reżistenza għas-sħana. It-tekniki ġenomiċi u ta' tnissil tal-annimali mill-aktar avvanzati huma ta' vantaġġ kemm għall-eżiti ekonomiċi kif ukoll għal daww ambjentali. Dawn iwasslu għal inqas użu ta' għalf u jnaqqsu l-emissjonijiet, li jfisser iffrankar għall-bdiewa u inqas espożizzjoni għal varjazzjonijiet volatili fil-prezzijiet. Reżiljenza aħjar teħtieġ ukoll akkomodazzjoni u ventilazzjoni mtejbja, protezzjoni mill-għargħar u infrastruttura oħra reżiljenti għall-klima.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar prattiki u teknoloġija sostenibbli huma fatturi essenzjali li jippermettu settur tal-bhejjem tal-UE aktar reżiljenti⁽¹⁵⁾. **L-UE għandha tiffoka wkoll**

⁽¹⁴⁾ Il-vaċċini DIVA (Li Jiddifferenzjaw bejn l-Annimali Infettati u daww Vaċċinati) huma tip speċjalizzat ta' vaċċin iddisinjat biex jiddistingwi bejn annimali li ġew vaċċinati u daww li ġew infettati b'mod naturali b'marda. Din id-distinzjoni hija kruċjali għall-kontroll effettiv tal-mard, is-sorveljanza, u r-regolamenti tal-kummerċ fil-bhejjem u annimali oħra.

⁽¹⁵⁾ Strumenti finanzjarji differenti skont il-QFP wara l-2027 jistgħu jappoġġaw sforz ta' Riċerka u Innovazzjoni (R&I) aktar b'saħħtu u aktar ikkoordinat dwar sistemi tal-bhejjem sostenibbli u reżiljenti,

fuq l-espansjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet. Dan għandu jinkludi appoġġ għal sforz tar-R&I aktar b'saħħtu u kkoordinat dwar sistemi sostenibbli tal-bhejjem, **l-iżvilupp u l-adozzjoni** ta' għodod prattiċi bħal sistemi ta' appoġġ għad-deċizzjonijiet, sensuri, applikazzjonijiet ta' big data, robotika, soluzzjonijiet ta' twissija bikrija u trobbija tal-bhejjem ta' preċiżjoni, filwaqt li jiġi promoss approċċ ibbażat fuq is-sistemi u bbażat fuq il-post. Biex jiġi aċċellerat l-impatt fuq il-post, **l-innovazzjoni għandha tkun allinjata aktar mill-qrib mal-ħtiġijiet tal-bdiewa**, sabiex soluzzjonijiet reżiljenti jiġu ttestjati, żviluppati u implimentati aktar malajr fost ir-reġjuni u s-sistemi ta' produzzjoni. Dan se jkun appoġġat mill-approċċ strateġiku ġdid li ġej għar-riċerka u l-innovazzjoni AgRI 2040 u Food 2040. Dan l-approċċ ġdid jidentifika l-bhejjem bħala qasam ewlieni ta' azzjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni u jenfasizza l-valorizzazzjoni aħjar tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni fi startups, scaleups u implimentazzjoni industrijali sħiħa.

Ir-reżiljenza teħtieġ ukoll li s-settur tal-bhejjem irid isir inqas dipendenti fuq inputs importati u jkun aktar kapaċi jibbaża fuq riżorsi domestiċi u ċirkolari, kif żviluppat fil-Pjan dwar il-Proteini u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Fertilizzanti. FI-istess ħin, integrazzjoni aktar mill-qrib mal-pajjiżi kandidati u sħab toffri opportunitajiet biex jissaħħu r-reżiljenza u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni billi gradwalment jiġu żviluppati ktajjen tal-valur agroalimentari aktar integrati u sostenibbli.

Eżempju ta' proġetti ta' investiment kooperattiv għar-reżiljenza:

- L-installazzjoni ta' pannelli solari fil-farm u unità kondiviża tal-bijogass bl-użu tad-demel, li tnaqqas id-dipendenza fuq l-enerġija esterna u fuq il-fertilizzanti.
- Il-bini ta' sistema ta' ħażna u riċiklaġġ tal-ilma biex tlaħħaq man-nixfiet u mal-mewġiet tas-sħana.
- Sħubija f'fond mutwu u fi skema ta' assigurazzjoni dwar il-klima appoġġati mill-politiki tal-Istati Membri biex jistabbilizzaw l-introjtu waqt avvenimenti estremi tat-temp.

L-Istati Membri għandhom **ikomplu jappoġġaw prattiki agrikoli li jintegraw ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà fil-mudelli tan-negozju tagħhom, bħall-biedja organika**, u jinċentivaw it-tranżizzjoni lejn reżiljenza fit-tul permezz ta' pagamenti ta' tranżizzjoni. Il-miżuri ta' **tiġdid ġenerazzjonali** għandhom jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni speċifika tat-trobbija tal-bhejjem.

Kooperazzjoni aħjar tul il-katina tal-provvista tista' tgħin biex tnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet u ttejjeb l-aċċess għall-inputs, filwaqt li l-parteċipazzjoni fi pjattaformi ta' kondiviżjoni tal-għarfien u sħubijiet ta' innovazzjoni jistgħu jħaffu t-tixrid ta' prattiki tajbin.

Pereżempju: F'żona vulnerabbli għall-marda tal-ilsien blu, il-marda tal-infafet fil-ġilda jew l-influwenza tat-tjur, l-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati jiżguraw sistema kkoordinata ta' prevenzjoni tal-mard:

- L-Istati Membri permezz ta' pjanijiet tal-PNR jikkofinanzjaw titjib fil-bijosigurtà (stazzjonijiet ta' diżinfekzjoni, aċċess ikkontrollat għall-farms, żoni ta' separazzjoni).
- Il-bdiewa jirċievu, permezz ta' fondi tal-pjan ta' sħubija nazzjonali u reġjonali (PSNR), taħriġ permezz ta' servizzi konsultattivi u gruppi ta' sħubija Ewropea għall-

li jkopru s-saħħa u l-benesseri tal-annimali, il-prevenzjoni tal-mard u l-vaċċini, sistemi mħallta, adattament u mitigazzjoni tal-klima, tnaqqis tal-impatt ambjentali, effiċjenza tal-għalf u n-nutrijenti, riżorsi ġenetiċi u tnissil għal karatteristiċi ta' reżiljenza, soluzzjonijiet ta' bijoekonomija ċirkolari, innovazzjoni soċjali, u teknoloġiji diġitali.

- | |
|--|
| <p>innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP-AGRI) dwar il-prevenzjoni tal-mard u l-ippjanar ta' kontinġenza.</p> <ul style="list-style-type: none"> • L-Istati Membri u l-katina tal-valur tal-bhejjem jibdew qafas ta' kondivizzjoni tal-kostijiet biex jiffinanzjaw b'mod konġunt ir-risponsi għat-tifqigħat tal-mard, inkluż kumpens għall-produtturi affettwati, abbażi ta' mekkaniżmi finanzjarji miftiehma minn qabel (il-kostijiet għall-qerda, it-trażżin u l-irkupru huma maqsuma bejn imposti/pools ta' assigurazzjoni pubbliċi u privati). • Jiġi varat programm ta' tilqim u sorveljanza pubbliku-privat hekk kif vaċċini ġodda jsiru disponibbli permezz tar-Riċerka u l-Innovazzjoni appoġġati mill-UE. |
|--|

L-Istati Membri għandhom rwol ċentrali fit-trasformazzjoni ta' dawn l-oġġettivi f'appoġġ prattiku fuq il-post:

- billi jinkludu investimenti fir-reżiljenza fil-pjanijiet tal-PNR tagħhom u jtejbju l-aċċess tal-bdiewa għal għodod għall-prevenzjoni tal-mard,
- jippromwovu assigurazzjoni u fondi mutwi mfassla għas-setturi tal-bhejjem,
- jiżguraw li t-taħriġ u s-servizzi konsultattivi għall-farms jinkludu għarfien espert qawwi dwar ir-reżiljenza tal-bhejjem,
- jappoġġaw investimenti u azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi (AECAs), inklużi skemi ta' effiċjenza, li jgħinu biex jippreservaw u jużaw b'mod sostenibbli **riżorsi ġenetiċi tal-bhejjem** li jsaħħu r-reżiljenza tas-settur tal-bhejjem u jappoġġaw il-bijodiversità, il-ħamrija b'saħħitha u reżiljenza tal-ilma bħala bażi għar-reżiljenza tas-settur tal-bhejjem,
- jikkunsidraw miżuri biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fis-servizzi veterinarji rurali, pereżempju permezz ta' inċentivi mmirati jew konsultazzjonijiet diġitali, u l-appoġġ tal-ħiliet diġitali, il-konnettività u l-investment fil-livell tal-farms,
- l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, il-mudelli kooperattivi u l-interventi settorjali tal-PAK jista' jgħin biex isaħħaħ is-saħħa ta' negozjar tal-bdiewa u l-kapaċità tagħhom li jiġġestixxu r-riskju b'mod kollettiv.

3.2. Setturi tal-bhejjem kompetittivi fil-livell tal-UE u globali

Biex jikkompeti b'mod effettiv fis-suq globali, is-settur tal-bhejjem jeħtieġ qafas fit-tul aktar prevedibbli għall-investimenti, juża l-ingranaġġ ta' teknoloġiji avvanzati u prattiki innovattivi, filwaqt li jibbenefika minn kundizzjonijiet ekwi u piż regolatorju mnaqqas. Ix-xejra kurrenti ta' dekapitalizzazzjoni teħtieġ li titwaqqaf, u l-profittabbiltà tiżdied, jekk il-katina tal-valur Ewropea għall-bhejjem trid tibqa' kompetittiva u tattira parteċipanti ġodda fil-professjoni. Iż-żamma ta' standards għoljin tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u s-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u l-ambjent trid tippermetti lis-settur jirrispondi b'mod robust għall-pressjoni tal-kompetizzjoni globali.

Il-prijorità hija li s-settur jingħata għajna biex jagħlaq id-diskrepanza fil-investment, tingħata spinta lill-adozzjoni tiegħu tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biex jimmodernizza, isaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà. Għal ħafna raġunali, u b'mod partikolari daww żgħażaġħ u ġodda, huwa meħtieġ kapital sinifikanti bil-quddiem għal infrastruttura moderna, għal makkinarju u għal sistemi ta'

ġestjoni tad-demel. Il-Fi-Compass jistma diskrepanza fil-finanzjament għas-settur tal-bhejjem ta' aktar minn EUR 18-il biljun⁽¹⁶⁾.

Filwaqt li l-Kummissjoni qed tivvaluta l-impatt tar-rieżami tagħha dwar il-benesseri tal-annimali, ċerti studji jistmaw li t-tranżizzjoni għal sistemi ħielsa mill-gaġeġ tinvolvi ħtiġijiet ta' investment sinifikanti⁽¹⁷⁾. **Tali ħtiġijiet ta' finanzjament ma jistgħux jintlaħqu minn sors wieħed iżda jeħtieġu taħlita ta' strumenti u miżuri kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri.** Dawn jinkludu remunerazzjoni aħjar tas-suq, appoġġ pubbliku, aċċess għal strumenti finanzjarji u investimenti privati, kif ukoll l-isfruttament tal-potenzjal ta' mudelli ġodda ta' negozju ċirkolari u valorizzazzjoni aħjar tal-prodotti sekondarji. Jeħtieġ ukoll ħiliet, litteriżmu finanzjarju u pariri adegwati kif ukoll qafas legali aktar stabbli u aktar ċar.

Il-PAK tibqa' għodda ewlenija biex tappoġġa l-introjtu tal-bdiewa, tinċentivahom biex jagħmlu sforzi ta' sostenibbiltà u tipprovdi appoġġ għall-investment, u l-perjodu ta' finanzjament li jmiss joffri opportunitajiet imfassla għal ħtiġijiet differenti, minn farms żgħar għal dawk kbar. B'taħlita ta' diversi miżuri, inklużi investimenti fl-infrastruttura u appoġġ għal proġetti innovattivi, il-pjanijiet proposti tal-PNR u l-ECF jistgħu jgħinu biex jiżiedu l-investimenti fis-sostenibbiltà, il-kompetittività u r-reżiljenza.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-għażliet kollha, inkluża l-esplorazzjoni ta' strument finanzjarju potenzjali ddedikat għas-settur tal-bhejjem biex tnaqqas id-diskrepanza fil-finanzjament għall-investimenti fit-tranżizzjoni għal livelli ogħla ta' sostenibbiltà u benessere tal-annimali.

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll inizzjattivi oħra, bħal aċċess aħjar għal self, self garantit mill-Istat, strumenti ta' akkwist pubbliku, miżuri tas-suq u kundizzjonijiet ta' self aktar favorevoli għall-bdiewa kollha, b'mod partikolari dawk żgħażaġh u dawk li jkunu għadhom kif daħlu fis-suq. Il-Kummissjoni se tesplora mal-Bank Ewropew tal-Investment aċċess preferenzjali għal self għall-bdiewa involuti fi tranżizzjoni għal sistemi ħielsa mill-gaġeġ abbażi tal-eżitu tar-reviżjoni leġiżlattiva. B'mod parallel, skemi li jippremjaw il-kultivazzjoni karbonika u l-krediti tan-natura jistgħu jipprovdu valur addizzjonali lill-farms li jinvestu f'sistemi tal-bhejjem aktar sostenibbli.

Minbarra l-finanzjament, huwa kruċjali li jiġi żgurat **qafas legali stabbli, prevedibbli u ċar** li jippermetti ppjanar u investimenti fit-tul. Dan se jagħti spinta lill-fiduċja tal-investituri u se jiffaċilita d-deċiżjonijiet ta' investment li ħafna drabi jieħdu deċennji biex

⁽¹⁶⁾ <https://www.fi-compass.eu/library/market-analysis/financial-gap-eu-agricultural-sector?page=1>

⁽¹⁷⁾ *Studji kkummissjonati minn organizzazzjonijiet tal-bdiewa biex jistmaw l-impatt tat-tranżizzjoni lejn sistemi ħielsa mill-gaġeġ fis-settur tat-tiġieġ tal-bajd u tal-ħnieżer jindikaw ħtiġijiet ta' investment fil-livell tal-UE ta' madwar EUR 6.7 biljun għas-settur tal-ħanżir¹ (EUR 0,02 għal kull kg ta' laħam tal-majjal għal perjodu ta' deprezzament ta' 15 snin), u EUR 2.6 biljun għas-settur tat-tiġieġ tal-bajd² (EUR 0,0017 għal kull bajda għal perjodu ta' deprezzament ta' 15 snin). Il-kostijiet jirriżultaw primarjament mill-ħtieġa li l-faċilitajiet ta' akkomodazzjoni eżistenti jiġu kkonvertiti jew sostitwiti u li jiġu installati l-infrastruttura u t-tagħmir meħtieġa għall-produzzjoni ħielsa mill-gaġeġ. Din id-data hija kkwotata bħala eżempju biss. Il-Kummissjoni qed tħejji valutazzjoni tal-impatt li tanalizza d-data u l-kwistjonijiet rilevanti kollha marbuta mal-proposti ppjanati tagħha.*

¹ Potori et al. (2024). *An Assessment of the Impacts of the Phasing Out of Cages in EU Livestock Farming: The Pig Sector*. *Agriculture*, 14(1), 111.

² Majewski et al. (2024). *An Assessment of the Impacts of the Phasing Out of Cages in EU Livestock Farming: The Layer Sector*. *Agriculture*, 14(2), 187.

jitħallsu lura. Il-**proċeduri għall-ħruġ tal-permessi** mill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali qed iwasslu għal parti minn din l-inċertezza u jeħtieġ li jiġu indirizzati bħala prijorità. Biex tiżdied iċ-ċertezza legali kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-awtoritajiet pubbliċi, fi tmiem l-2025, il-Kummissjoni għamlet proposta dwar l-aċċelerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi⁽¹⁸⁾ u proposta dwar l-aċċelerazzjoni tal-valutazzjoni ambjentali. Bħalissa għaddej test tal-istress tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats u l-Kummissjoni se ssegwih kif xieraq b'azzjonijiet ulterjuri.

Biex jiġi stimulat inċentiv aħjar mis-suq, huwa neċessarju li ssir ħidma biex il-konsumaturi jiġu infurmati aħjar, **jiġu allinjati l-aspettattivi tal-konsumaturi ma' mekkaniżmi ta' pprezzar ġust u tiġi segwita d-diversifikazzjoni tas-suq** biex ikun hemm benefiċċju mis-swieq ta' valur għoli.

Il-kompetittività msaħħa trid tkun ġusta. It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina alimentari u l-protezzjoni tagħhom kontra Prattiki kummerċjali inġusti hija prijorità li ilha teżisti u li se tissaħħa bir-rieżami tad-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti (UTP)⁽¹⁹⁾, filwaqt li tibni fuq l-esperjenza miksuba sal-lum. Il-bdiewa jridu jiksbu **remunerazzjoni aħjar, inkluż minn attivitajiet ekonomiċi emerġenti marbuta mal-iżvilupp tal-bijoeconomija u l-valorizzazzjoni tal-prodotti sekondarji**. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-aħjar mod kif tintegra dawn l-aspetti fil-ħidma tal-Osservatorju tal-katina agroalimentari tal-UE biex tipprovdi trasparenza fis-suq tul il-katina tal-valur u tibni l-fiduċja.

Is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità huma każ kummerċjali qawwi għall-bdiewa. Il-prattiki ċirkolari u l-bijoeconomija jtejbju l-awtonomija tal-ġhalf u jimmassimizzaw il-valorizzazzjoni tal-bijomassa (inklużi l-prodotti sekondarji tal-annimali), li min-naħa tagħhom inaqqsu l-iskart, u jipprovdu introjtu aktar prevedibbli għall-bdiewa. **Prodotti sekondarji bħas-suf jew id-demel ma humiex skart iżda pjuttost riżorsa** li għandha valur u sservi skopijiet multipli f'bijoeconomija ċirkolari, u l-leġiżlazzjoni għandha tirrikonoxxi l-karatteristiċi u l-potenzjal tagħhom. L-atturi downstream (eż. produttori tal-ħalib jew tal-laħam) dejjem aktar jaraw il-każ kummerċjali biex joffru premijiet lill-bdiewa li jnaqqsu l-emissjonijiet fil-farm, u b'hekk jagħmlu l-operazzjonijiet sostenibbli tal-bhejtem aktar kompetittivi.

Il-kompetittività trid tissaħħa ukoll b'**integrazzjoni aħjar tal-katina tal-ikel, u bl-iżvilupp ta' standards ta' kwalità tal-laħam**. Il-potenzjal tal-integrazzjoni tal-prodotti tal-ħalib u taċ-ċanga għandu jiġi promoss ulterjorment. Allinjament aħjar tul il-ktajjen tal-provvista jista' jtejjeb kemm il-prestazzjoni ekonomika kif ukoll ambjentali tas-sistemi tal-ħalib u taċ-ċanga. Il-ktajjen ta' valur ta' kwalità għolja f'żoni rurali u fl-infrastruttura huma daqstant importanti. L-esperjenza bl-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet tal-produttori u kooperattivi turi kif l-ġhodod inkorporati fir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS)⁽²⁰⁾ jgħinu biex isaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur u jżidu s-schem tagħhom mill-valur maħluq.

⁽¹⁸⁾ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001, (UE) 2019/944, (UE) 2024/1788 fir-rigward tal-aċċelerazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi – COM(2025) 1007

⁽¹⁹⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/633 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar Prattiki kummerċjali inġusti fir-relazzjonijiet bejn in-negozji fil-katina tal-provvista agrikola u alimentari. ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/633/oj>

⁽²⁰⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill

Il-ġustizzja ma hijiex biss interna, iżda wkoll esterna. It-trawwim ta' **reċiproċità u allinjament akbar fl-istandards tal-produzzjoni madwar id-dinja** jeħtieġ kontrolli xierqa, salvagwardji effettivi u spinta kontinwa għal standards għoljin. Din hija ħidma kontinwa u prijorità ċara. L-importazzjoni ta' prodotti, prodotti għal standards aktar baxxi mhux biss toħloq żvantaġġ lill-produtturi tal-UE b'mod kummerċjali iżda wkoll tissostitwixxi aktar milli tnaqqas l-emissjonijiet globali. It-titjib tal-kontrolli fuq l-ikel, l-annimali u l-prodotti tal-pjanti li jidħlu fl-UE għadu għaddej u ġie msaħħa b'mod sinifikanti⁽²¹⁾. Is-salvagwardji huma Prattiki standard fi ftehimiet konklużi mill-Unjoni, u jipproteġu lill-bdiewa Ewropej minn kwalunkwe importazzjoni ta' ħsara. Dan jinkludi kwoti kalibrati sew b'volumi marbuta mal-kundizzjonijiet tas-suq tal-UE u klawżoli ta' salvagwardja awtomatiċi għal ċerti ftehimiet li jipprovdu saff addizzjonali ta' protezzjoni. Standards għoljin ta' sikurezza tal-ikel, speċjalment dwar l-użu tal-antimikrobiċi u l-ormoni, huma infurzati b'mod rigoruż. **Ir-regoli dwar il-benesseri tal-annimali qed jiġu rieżaminati biex jiġi żgurat allinjament aħjar tal-istandards għall-prodotti importati.** Għall-perjodu finanzjarju futur, il-proposta li tiġi stabbilita Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda b'baġit sostanzjali se tgħammar lill-Unjoni biex tipproteġi aħjar lill-bdiewa fi żminijiet ta' volatilità tas-suq. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se timpenja ruħha f'**diplomazija agroalimentari ddedikata, se żżid il-missjonijiet ta' livell għoli u l-miżuri ta' promozzjoni tagħha biex tiftaħ opportunitajiet ġodda tas-suq għall-esportazzjonijiet Ewropej.**

Is-simplifikazzjoni hija komponent essenzjali tal-kompetittività. Tnediet ħidma importanti iżda hemm bżonn ta' sforz ulterjuri biex is-settur agroalimentari jkun jista' jibbenefika minn qafas legali li jwassal għall-innovazzjoni u l-kompetittività, filwaqt li jirrispetta l-benesseri u s-saħħa tal-annimali u l-istandards tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf. Id-diskussjoni li għaddejja dwar l-omnibus tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf se tipprovdi simplifikazzjoni tant meħtieġa. Hemm bżonn li **l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iġjene ssir** aktar aġli u li jsir użu aħjar mid-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà fiha, biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru adattamenti għall-istruttura u t-tqassim tal-bieċeriji b'kapasità baxxa, filwaqt li jkun hemm rispett lejn is-sikurezza tal-ikel u l-istandards tal-benesseri tal-annimali u jwահhadhom b'mod effettiv mal-prattiċità operazzjonali. L-emenda proposta għall-qafas regolatorju tal-**addittivi tal-għalf** fl-omnibus tal-ikel u l-għalf se tipprovdi ambjent favorevoli għall-iżvilupp u għad-disponibbiltà ta' addittivi tal-għalf innovattivi ġodda, filwaqt li l-ħidma fuq ħtiġijiet ta' simplifikazzjoni ulterjuri għadha għaddejja, inkluż bħala parti mid-djalogi ta' implimentazzjoni usa' kif ukoll id-**Djalogi dwar l-Ikel**. Barra minn hekk, **ir-regoli dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali jeħtieġu aġġustamenti** biex tiġi ffaċilitata aħjar l-ekonomija ċirkolari, mingħajr ma jiġu pperikolati l-istandards tas-saħħa tal-annimali, tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf.

3.3. Settur tal-bhejjem sostenibbli

L-investment fis-sostenibbiltà huwa investment fil-futur fuq terminu twil tal-biedja-. Standards ogħla fil-benesseri tal-annimali jistgħu jwasslu għal riżultati ekonomiċi mtejbja, riskju mnaqqas ta' mard u appoġġ usa', sakemm il-kisbiet fil-benesseri jissarrfu f'benefiċċji li jistgħu jitkejlu tas-saħħa, tal-produttività jew tal-prezz primjum—effett nett li jvarja skont is-settur u l-kundizzjonijiet tas-suq. L-effiċjenza fl-użu tan-nitroġenu fis-

(KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>

(21) [Commission announces reinforcement of controls on products imported into the EU](#)

sistemi tal-ikel u tal-bijoeconomija⁽²²⁾, inkluż permezz tal-effiċjenza tal-fertilizzanti, tippoteġi l-ilma u l-ħamrija filwaqt li tnaqqas il-kostijiet tal-input. L-infrastruttura reżiljenti għat-tibdil fil-klima tista' tiffaħ l-impatti ta' avvenimenti estremi tat-temp u ttiprovdi redditu fit-tul fuq l-investment.

Is-suċċess jiddependi fuq il-ħila tal-bdiewa li jinvestu. Huwa għalhekk li t-tranżizzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sostenibbiltà trid tkun **ġusta u bbilanċjata**. Iż-żieda fl-ambizzjoni għas-sostenibbiltà tqajjem mistoqsijiet dwar **kif il-kostijiet huma mqassma tul il-katina tal-valur**. F'xi każijiet, it-tranżizzjoni għal titjib fis-sostenibbiltà tista' tinvolvi kostijiet ta' produzzjoni oġġa għall-bdiewa, rendimenti aktar baxxi jew densitajiet ta' stokkjar imnaqqsa. Xi Prattiki agrikoli bħall-organiċi jippermettu li tinżamm ambizzjoni għolja ambjentali u tal-benesseri tal-annimali bi profittabilità għall-bdiewa. Għal sistemi oħra, meta dawn il-kostijiet ma jkunux jistgħu jiġu assorbiti kompletament mill-bdiewa jew mill-bqija tal-katina tal-provvista, fl-aħħar mill-aħħar jiġu riflessi fi prezzijiet oġġa tal-ikel, imġarrba mill-konsumaturi, mingħajr ma jiżdied l-introjt tal-produtturi u possibbilment iwasslu għal tnaqqis fid-domanda. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal tranżizzjoni kkalibrata bir-reqqa li twassal għal gwadanni fis-sostenibbiltà għall-bdiewa u għas-soċjetà, filwaqt li jiġu ġestiti kompromessi u tinżamm l-aċċettabilità soċjali.

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-bdiewa jagħżlu miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni l-aktar adattata għall-farms u għall-prattiki individwali tagħhom u għandhom jiffaċilitaw id-deċiżjoni dwar kif in-negozju tagħhom jista' jsir aktar sostenibbli.

Ftehimiet dwar is-sostenibbiltà tal-katina tal-valur li fihom l-atturi kollha, inklużi s-setturi intermedjarji u tal-bejgħ bl-imnut, jassumu parti mir-responsabbiltà huma għodod promettenti biex jappoġġaw tranżizzjoni ġusta. Dawn jippermettu, pereżempju, lis-settur tal-bejgħ bl-imnut jippremja standards oġġa mwettqa mill-bdiewa. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-atturi privati għandhom jipromwovu ulterjorment tali forma ta' kooperazzjoni.

Kwalunkwe viżjoni fit-tul għas-settur tal-bhejjem trid tibda bl-isfruttament tad-diversità tiegħu. Il-mużajk rikk tal-UE ma jistax jiġi sostnut permezz ta' approċċ wieħed għal kulħadd. Jeħtieġ soluzzjonijiet imfassla apposta u bbażati fuq il-post li jirriflettu r-realtajiet lokali u jibnu fuq il-qawwiet reġjonali.

Filwaqt li jibni fuq il-progress li diġà sar, li jsaħħaħ is-settur **Ewropew tal-bhejjem fost l-aktar produttivi u effiċjenti ekoloġikament⁽²³⁾ fid-dinja**, id-disinn tal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid huwa opportunità biex din id-diversità tiġi trasformata f'interventi tanġibbli li jagħtu direzzjoni fit-tul.

Il-benesseri tal-annimali huwa fil-qalba tat-tħassib taċ-ċittadini fir-rigward tat-trobbija tal-bhejjem. Kif iddikjarat mill-Parlament Ewropew (), "iż-żieda globali mistennija fil-konsum tal-proteini tal-annimali tirrappreżenta opportunità għall-UE biex tippożizzjona lilha nnifisha bħala mexxejja globali fl-agrikoltura li ma tagħmilx ħsara lill-klima u lill-annimali". Huma meħtieġa infurzar tar-regoli eżistenti u s-segwitu segwitu progressiv

⁽²²⁾ L-Istrateġija tal-UE għall-Bijoeconomija "Qafas strateġiku għal Bijoeconomija Kompetittiva u Sostenibbli tal-UE. COM/2025/960 final" se taħdem fuq il-valutazzjoni tal-aħjar Prattiki u innovazzjonijiet tal-bijoeconomija biex iżżid l-effiċjenzi fl-użu tan-nitroġenu fis-sistemi tal-bijoeconomija u fin-networks tal-valur

⁽²³⁾ FAO: Greenhouse gas emissions from agrifood systems, Global, regional and country trends, 2000–2022

għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “End the Cage Age” biex jiġi indirizzat it-tħassib taċ-ċittadini, b’fokus fuq setturi fejn tranżizzjoni għal sistema ta’ akkomodazzjoni mhux magħluqa hija fattibbli, ibbażata fuq l-evidenza u akkumpanjata minn perjodi ta’ tranżizzjoni suffiċjenti u appoġġ finanzjarju li jippermetti lill-bdiewa sabiex jadattaw. Minħabba l-iskala tal-investimenti meħtieġa, it-tranżizzjoni se teħtieġ appoġġ li jkopri l-perjodu ta’ finanzjament li jmiss u lil hinn.

Standards għoljin ta’ benesseri jtejbju l-effiċjenza tar-riżorsi pereżempju billi jnaqqsu r-rati ta’ mortalità, jestendu l-ħajja produttiva tal-annimali u jtejbju l-konverżjoni tal-għalf. Filwaqt li llum is-settur tat-tiġieġ tal-bajd jibbaża prinċipalment fuq il-qtil ta’ **flieles ta’ ġurnata rġiel**, it-talbiet etiċi taċ-ċittadini jistgħu jiġu indirizzati billi din il-prattika titwaqqaf permezz tal-użu ta’ teknoloġiji għad-determinazzjoni tas-sess fil-bajda (*in ovo*), li issa huma disponibbli. Dawn jistgħu jsaħħu r-reputazzjoni tas-settur tal-bajd tal-UE għal prodotti ta’ kwalità għolja, prodotti b’mod etiku. Filwaqt li hija disponibbli u użata f’ċerti Stati Membri, it-teknoloġija għadha ma hijiex kompletament aċċessibbli u affordabbli għal imfaqas żgħir u ta’ daqs medju madwar l-UE. Dan jirrikjedi sforzi ulterjuri biex jitnaqqsu l-kostijiet u jiżdied l-implimentazzjoni tagħha. Sa tmiem l-2026, il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi **reviżjoni mmirata tar-regoli dwar il-benesseri tal-annimali għat-tiġieġ tal-bajd u għat-tiġieġ tas-simna**, b’fokus fuq l-eliminazzjoni gradwali tal-gaġeġ, indikaturi prattiċi dwar il-benesseri fil-farm, it-tmiem tal-qtil sistematiku tal-flieles irġiel u rekwiżiti ekwivalenti għall-importazzjoni. Biex tivvalorizza t-tranżizzjoni ‘l bogħod mill-qtil tal-flieles ta’ ġurnata rġiel, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li taġġorna r-regoli dwar l-immarkar tal-bajd biex tinforma aħjar lill-konsumaturi, inkluż f’pajjiżi terzi, dwar it-titjib li għamlu l-bdiewa. Sat-tieni trimestru tal-2027, proposta simili se tindirizza **l-benesseri tal-ħnieżer**, inkluż it-tranżizzjoni minn sistema ta’ ċestuni għal sistemi ta’ maqjel.

F’dawn l-aħħar snin, id-dibattitu dwar l-esportazzjoni ta’ annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi, speċjalment għall-qatla immedjata, sar kruċjali. Tifqigħat ġodda u mard rikorrenti tal-annimali fl-Istati Membri tal-UE jirriżultaw f’ostakli kummerċjali frekwenti – xi kultant mhux ġustifikati. Fl-istess ħin, diżastri naturali u sitwazzjonijiet ta’ sigurtà li jvarjaw madwar il-pajjiżi ta’ destinazzjoni jheddu l-pjanabbiltà ta’ tali Prattiki kemm fit-toroq kif ukoll fuq il-baħar. Dawn jistgħu wkoll iqajmu tħassib dwar il-benesseri tal-annimali. Għalhekk, il-Kummissjoni se tiskambja mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, is-soċjetà ċivili u l-pajjiżi terzi tad-destinazzjoni, u skont dak li joħroġ minn dawn l-iskambji, se tikkunsidra passi ulterjuri, inklużi alternattivi possibbli għall-esportazzjoni ta’ annimali għall-qatla mill-UE lejn pajjiżi terzi, filwaqt li żżomm il-pożizzjonijiet fis-suq tal-produtturi Ewropej tal-bhejjem.

Dawn l-istandards għoljin għall-produtturi tal-UE jridu jiġu ssodisfati b’rekwiżiti reċiproċi għall-prodotti importati, b’għodod ta’ infurzar adegwati. Pajjiżi terzi jista’ jkollhom Prattiki ta’ benesseri tal-annimali aktar baxxi filwaqt li ċ-ċittadini tal-UE jistennu li l-prodotti kollha fis-suq tal-UE jseguw standards ta’ benesseri għoljin. Il-modernizzazzjoni tar-regoli tal-benesseri tal-annimali tal-UE u l-ftehimiet Kummerċjali tal-UE jipprovdu opportunità essenzjali biex **jiġu introdotti rekwiżiti ekwivalenti għall-benesseri tal-annimali għall-prodotti importati**, f’konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

L-isforzi sostnuti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-bhejjem jibqgħu waħda mill-prijoritajiet. Filwaqt li l-emissjonijiet tal-metan enteriku tal-UE mill-bhejjem

jirrappreżentaw sehem żgħir fil-livell globali, dawn jirrappreżentaw l-akbar sors⁽²⁴⁾ ta' emissjonijiet agrikoli fl-UE. L-indirizzar ta' dawn l-emissjonijiet jeħtieġ approċċ ibbażat fuq ix-xjenza u s-sistemi, li jibni fuq Prattiki tajbin eżistenti u appoġġat aktar mill-innovazzjoni u t-teknoloġija. Il-produzzjonijiet differenti tal-bhejjem għandhom esternalitajiet u potenzjali klimatiċi differenti biex jiġu indirizzati, li jridu jitqiesu wkoll.

L-ewwel u qabel kollox, **politika effettiva għat-tnaqqis tal-metan teħtieġ kejl akkurat.** Ċerti metodoloġiji eżistenti għall-istima tal-emissjonijiet tal-bhejjem ma jirriflettux bis-sħiħ il-varjazzjoni reali fl-emissjonijiet f'sistemi ta' produzzjoni, razez u reġimi ta' għalf diversi. Il-metodoloġija tal-IPCC tal-approċċi tal-Grad 1 u tal-Grad 2 tista' ma tirrappreżentax biżżejjed il-valur tat-titjib fl-azjendi agrikoli u d-diversità ġenetika. Fl-istess ħin, għaddejjin diskussjonijiet biex tiġi esplorata l-hteġa li tkun ikkunsidrat n-natura bijoġenika tal-emissjonijiet tal-metan bħala parti minn ċiklu tal-karbonju fuq terminu qasir. Huma meħtieġa approċċi aktar raffinati biex jirriflettux aħjar il-prattiki reali ta' ġestjoni u jiżguraw valutazzjoni aktar akkurata u ġusta tal-prestazzjoni tal-bhejjem fil-klima. Għalhekk, il-Kummissjoni se taħdem fuq **metodoloġija armonizzata għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) tal-bhejjem fil-livell tal-farm u se tippromwovi għodod ta' monitoraġġ** li jirriflettux aħjar il-miżuri implimentati fil-livell tal-farm u li huma aktar adattati għall-ħteġijiet tas-settur tal-bhejjem tal-UE. Se tibni fuq il-ħidma mibdija minn ċerti Stati Membri ⁽²⁵⁾ immirata lejn l-iżvilupp ta' emissjonijiet tal-Grad 3 li jippermettu kontabilità tal-emissjonijiet aktar akkurata u differenzjata. Din il-ħidma se torbot mal-iżvilupp ulterjuri ta' metodi ta' produzzjoni skont l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u l-approċċ tal-eċċellenza tal-UE (ara l-punt 3.5 hawn taħt). Ir-riżultati għandhom jgħinu wkoll biex tittejjeb l-akkuratezza tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra tal-Istati Membri. L-UE tinsab lesta wkoll li tiskambja dwar Prattiki ta' kejl u mitigazzjoni ma' sħab globali f'konformità mat-tmexxija globali tagħha dwar it-tnaqqis tal-metan permezz tal-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan u inizjattivi relatati. F'kooperazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tal-bdiewa u tal-partijiet ikkonċernati tal-katina tal-valur tal-ikel, il-Kummissjoni qed tiżviluppa **kumpass volontarju għas-sostenibbiltà fil-farm għall-bdiewa.** Dan il-qafas ibbażat fuq ix-xjenza se jippermetti valutazzjoni Prattika u komparabbli tad-dimensjonijiet ewlenin tas-sostenibbiltà f'sistemi agrikoli differenti. Il-boxxla tista' tintuża wkoll bħala għodda ta' ġestjoni biex tiggwida d-deċiżjonijiet, issegwi l-progress, u tirrapporta l-prestazzjoni b'mod trasparenti matul iż-żmien, u biex tidħol fi skemi ta' primjum jew kuntratti li jippremjaw it-tnaqqis ivverifikat tal-emissjonijiet, it-titjib tal-benesseri tal-annimali, u l-ġħoti ta' servizzi tal-ekosistema. Se tippermetti l-valutazzjoni tal-**prestazzjoni abbażi tar-riżultati miksuba fuq il-post**, li gradwalment titbiegħed minn approċċ ibbażat fuq ir-rekwiżiti. Barra minn hekk, abbażi ta' metodoloġija ta' ċertifikazzjoni pilota, il-Kummissjoni qed tivvaluta l-inklużjoni tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-bhejjem fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u l-Kultivazzjoni Karbonika (CRCF).

Jeħtieġ ukoll li jitqies il-fatt li l-produzzjoni tal-ikel hija intrinsikament imsejsa fuq proċessi bijoloġiċi naturali u li minkejja li tikkonforma ma' standards għoljin tal-UE tikkawża **emissjonijiet endoġeniċi inevitabbli** li jinvolvu ċerti compromessi li ma jistgħux jiġu eliminati għalkollox. Id-domanda hija fattur ewleni importanti tat-tranżizzjoni, kif spjegat fil-Pjan tal-proteini, u huwa importanti li wieħed jirrikonoxxi li l-

(24) BOSCO, S., CHEN, M., BIELZA, M., MONTERO CASTAÑO, A., SCHIEVANO, A. *et al.*, Livestock Feeding and Sustainability: Mapping Environmental, Climate, and Productivity Outcomes, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/3398918> (online), JRC143817.

(25) Il-Federazzjoni Irlandiża għat-Tniissil tal-Ifrat (ICBF): <https://www.icbf.com/methane/>

produzzjoni mnaqqsa tal-UE tista' twassal għal żieda fl-importazzjonijiet u f'emissjonijiet oġhla f'reġjuni mhux tal-UE.

Avvanzi ulterjuri fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jridu jkunu bbażati fuq taħlita ta' miżuri ta' politika u inċentivi effettivi, il-potenzjal ta' titjib ġenetiku, innovazzjoni u teknoloġija inkluż fi strateġiji tal-għalf. Il-Kummissjoni se tipprovd **rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri** fil-kuntest tal-PAK futura u se tipprovdihom **b'sett ta' għodod tal-aktar Prattiki Effettivi**. L-Istati Membri jistgħu jfasslu l-istrateġiji tagħhom abbażi tas-sitwazzjonijiet speċifiċi tagħhom, kif rifless fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Metan tal-2020 filwaqt li jqisu investimenti f'effiċjenzi li jnaqqsu l-emissjonijiet, inklużi razez li jnaqqsu l-metan, għalf ta' preċiżjoni, u ġestjoni avvanzata tad-demel bħal bijogass u teknoloġiji ta' trattament imtejba, kif ukoll soluzzjonijiet li jnaqqsu l-emissjonijiet f'sistemi ta' biedja ta' ġewwa. Barra minn hekk, soluzzjonijiet teknoloġiċi joffru potenzjal sinifikanti ta' mitigazzjoni li jista' jwassal għal tnaqqis ta' mill-inqas 16 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2040⁽²⁶⁾. Għalhekk, taħlita ta' miżuri u inċentivi ambizzjużi mill-PAK, flimkien mat-teknoloġija u l-innovazzjoni, jistgħu jwasslu għal tnaqqis sinifikanti ħafna fl-emissjonijiet u jikkontribwixxu għall-mira klimatika tal-2040.

L-Istati Membri għandhom l-opportunità li jinkludu **investimenti fil-bijogass u fil-bijometan** fil-PSNR futuri tagħhom u/jew jappoġġawhom permezz ta' programmi nazzjonali oħra. Il-Qafas tal-Għajnuna mill-Istat joffri wkoll diversi għażliet għal tali appoġġ. L-installazzjoni tal-bijogass tittrasforma d-demel u r-residwi agrikoli f'enerġija rinnovabbli, diġestat għall-fertilizzazzjoni u f'xi każijiet diġestat imnixxef fl-ilma f'marqad għall-bhejjem. L-enerġija prodotta tista' tintuża fil-farm jew saħansitra tinbiegħ fis-suq, notevolment bl-użu ta' mekkaniżmi tal-biometan tal-UE, u b'hekk jinħoloq introjtu kumplimentari, jittejbu r-reżiljenza u l-vijabbiltà tan-negozju tal-azjendi agrikoli filwaqt li titnaqqas id-dipendenza fuq fjuwils fossili importati u fertilizzanti sintetiċi.

Il-protezzjoni tar-riżorsi naturali kontra t-tniġġis u l-iżgurar ta' saħħa tajba tal-ħamrija huma attributi essenzjali ta' strateġija fit-tul għall-futur tat-trobbija tal-bhejjem. Meta wieħed iqis id-diversità wiesgħa tagħha, ċerti Prattiki tal-bhejjem għandhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent marbut ma' esternalitajiet negattivi (bħal telf ta' nutrijenti, emissjonijiet fl-arja...), b'mod partikolari f'żoni b'konċentrazzjonijiet għoljin ta' bhejjem, filwaqt li Prattiki oħra bħar-ragħa estensiv u l-biedja organika jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-ġestjoni u għall-konservazzjoni tan-natura. Għalhekk, l-isfidi ambjentali jridu jiġu indirizzati b'mod imfassal apposta u fi sħubija mal-bdiewa.

Il-PAK futura hija opportunità biex isiru avvanzi lejn prestazzjoni ambjentali oġhla.

L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu l-kooperazzjoni tul il-katina tal-valur u jistgħu jipprovdu appoġġ, b'mod partikolari f'żoni b'densità għolja ta' bhejjem, biex itejbu l-ġestjoni tad-demel u tan-nutrijenti u jnaqqsu l-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali, inkluż billi jagħmlu użu mill-interventi l-ġodda li l-Kummissjoni ressqet fil-proposta tagħha tal-PAK. L-Istati Membri għandhom għodod għad-dispożizzjoni tagħhom biex jipprovdu appoġġ imsaħħaħ għal sistemi bbażati fuq ir-ragħa abbażi tal-ħtiġijiet tagħhom. Huma mħeġġa wkoll biex jespandu l-użu ta' għelejjel ta' kopertura, newbiet differenti tal-għelejjel u sorsi alternattivi ta' għalf, jagħtu appoġġ biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ħażna tad-demel, u biex jissimplifikaw il-proċeduri għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli, l-infrastruttura tar-

⁽²⁶⁾ Stima tad-DĠ AGRI bbażata fuq il-kalkoli u x-xenarji proprji deskritti fir-[rapport ta' prospettiva agrikola tal-2022](#)

riċiklaġġ tan-nutrijenti u l-biedja ta' preċiżjoni. L-appoġġ kontinwu għall-biedja organika huwa importanti għat-twetliq ta' dawn l-oġġettivi.

Il-Kummissjoni, assistita mill-Fluss ta' Ħidma dwar il-Bhejjem se jippromwovi l-iskambju ta' għarfien u l-aħjar prattiki, bil-għan li tinbena **Pjattaforma tal-Bhejjem b'repożitorju komprensiv ta' soluzzjonijiet ippruvati** għall-klima, għall-ambjent u għall-benesseri tal-annimali sal-2027. Dan ir-repożitorju se jidentifika miżuri effettivi ta' mitigazzjoni, se juri approċċi ta' suċċess fil-farm, u se jipprovdi gwida dwar l-istrumenti tal-PAK u l-mekkaniżmi ta' appoġġ disponibbli biex jiffaċilitaw l-adozzjoni tagħhom.

Ir-raġġala tal-UE diġà jirrispettaw standards ambjentali għoljin stabbiliti f'diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni, xi wħud b'impatt sinifikanti fuq l-operazzjonijiet tal-bdiewa. **Il-Kummissjoni qed tevalwa u tittestja l-istress xi wħud minn dawn ir-regoli fil-kuntest ta' sforz usa' ta' simplifikazzjoni.**

L-evalwazzjoni tad-**Direttiva dwar in-Nitrati** ⁽²⁷⁾ se tiġi ppubblikata dalwaqt. Bħala segwitu għar-rapport, il-Kummissjoni se tissokta taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tidentifika l-aħjar prattika u l-potenzjal ta' simplifikazzjoni dwar kif tittejjeb il-ġestjoni tan-nutrijenti fil-livell tal-farms, il-biedja kalendarja, iż-żamma tar-rekords u l-fertilizzazzjoni għall-farms żgħar. Se timmira li tottimizza l-implimentazzjoni tar-regoli, tirrifletti il-pressjonijiet teknoloġiċi u t-tibdil fil-klima, filwaqt li timminimizza l-piż bla bżonn u tiżgura li l-miżuri jkunu proporzjonati u effettivi biex jintlaħqu l-istandards tal-kwalità tal-ilma tal-UE. Il-Kummissjoni se tagħti pariri lill-Istati Membri dwar il-possibbiltajiet li **jissimplifikaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva pereżempju għal ċerti prattiki sostenibbli tal-bhejjem u se tiskambja wkoll mal-Kumitat dwar in-Nitrati dwar ir-rapport ta' evalwazzjoni.**

Il-Kummissjoni qed tagħmel ukoll testijiet tal-istress dwar ir-regoli tad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats li se jiġu integrati f'rapport mistenni fi tmiem l-2026 u se jippermettu li jiġu infurmati d-deċiżjonijiet futuri. Il-proposta dwar l-aċċelerazzjoni tal-**proċeduri għall-ħruġ tal-permessi u l-proposta għal regolament dwar l-aċċelerazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali (2025/0391 (COD))** diġà tindirizza parzjalment xi wħud mit-talbiet li ilhom jeżistu biex il-proċess tal-għoti tal-permessi jiġi aċċellerat u jsir aktar prevedibbli. Il-faċilitazzjoni mmirata tal-proċeduri għall-għoti tal-permessi hija wkoll importanti biex takkumpanja r-reviżjoni leġiżlattiva li telimina gradwalment il-gaġeġ fis-setturi tat-tiġieġ tal-bajd u tal-ħnieżer u hija ġġustifikata meta wieħed iqis li l-għadd ta' annimali miżmuma jibqa' kostanti f'imqajjel adattati. **Il-potenzjal għal allinjament aħjar bejn l-għanijiet ambjentali u l-vitalità agrikola jinsab ukoll fl-innovazzjoni.** Fl-UE, it-trobbija tal-bhejjem iġġenerat kull sena aktar minn 1,4 biljun tunnellata ta' demel matul il-perjodu 2016-2019. Filwaqt li huwa assoċjat mat-tniġġis tan-nitroġenu f'ċerti reġjuni, bl-użu tal-innovazzjoni, id-demel jista' wkoll jippreżenta opportunità. Il-Kummissjoni qed tesplora l-possibbiltà li testendi l-att tan-nitroġenu rkuprat mid-demel (RENURE) għal ċerti tipi ta' diġestati likwidi bbażati fuq id-demel b'salvagwardji ambjentali xierqa u se twettaq l-ewwel valutazzjoni preliminari fit-tielet trimestru tal-2026. Bl-istess mod, l-użu tad-diġestat mill-bijoskart biex jintuża bħala fertilizzanti bħala tali jew għall-produzzjoni ta' fertilizzanti oħra b'bażi bijoloġika, jista' jillimita l-esternalitajiet negattivi tal-bhejjem, jippermetti distribuzzjoni aħjar ta' bijofertilizzanti b'ħafna karbonju, inaqas id-dipendenza fuq fertilizzanti sintetiċi u jsaħħaħ l-awtonomija tal-produzzjoni tal-

(27) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli. ĠU L 375, 31.12.1991, pp. 1–8 (ES, DA, DE, EL, EN, FR, IT, NL, PT). ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1991/676/oj>

għalf u l-ikel tal-UE, filwaqt li jikkontribwixxi għall-produzzjoni domestika tal-enerġija (bijometan). Il-Kummissjoni se taħdem biex **tiffaċilita l-użu ta' prodotti sekondarji tal-annimali** mingħajr ma tipperikola s-saħħa tal-annimali, l-istandards tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf u **se tirrieżamina l-ostakli regolatorji potenzjali**.

Element ewlieni huwa l-ibbilanċjar spazjali aħjar u abilitanti tat-trasferiment ta' nutrijenti minn reġjuni b'surplus għal reġjuni b'defiċit kemm biex jiġi ottimizzat l-użu kif ukoll biex jitnaqqsu l-perssonijiet ambjentali lokali. Filwaqt li jibni fuq dan, il-Kummissjoni, assistita mill-**Fluss ta' Ħidma dwar il-Bhejjem se jiżviluppa pjan direzzjonali ddedikat** biex jappoġġa l-implimentazzjoni Prattika, isaħħaħ il-loġistika, inaqas il-perssoni, jimplimenta aħjar il-qafas regolatorju b'mod koerenti, u l-koerenza regolatorja, u jippermetti ċirkolazzjoni aktar effiċjenti u sostenibbli tan-nutrijenti madwar l-UE.

3.4. Settur tal-bhejjem li jissodisfa d-diversità territorjali Ewropea

Id-diversità territorjali Ewropea teħtieġ sistemi diversi ta' produzzjoni tal-bhejjem imfassla apposta għall-karatteristiċi uniċi ta' reġjuni differenti madwar l-Ewropa.

It-trobbija tal-bhejjem għandha rwol kruċjali fis-sostenn tal-ekonomiji rurali u fl-appoġġ tal-impjiegi f'haġna reġjuni. Haġna drabi din tkun l-unika opportunità ekonomika f'ċerti reġjuni. Is-settur huwa speċjalment importanti f'żoni żvantaġġati bħal reġjuni muntanjużi, żoni tat-Tramuntana, merġat u territorji intermedji u marġinali oħra fejn il-produzzjoni tal-għelejjel tista' tkun diffiċli jew inqas profittabbli. L-annimali li jirġu jgħinu biex jinżammu pjaġġi tradizzjonali, jipprevjenu t-tkabbir żejjed, jillimitaw ir-riskju ta' nirien fis-selvaġġ u jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-bijodiversità billi jsostnu haġnats diversi⁽²⁸⁾. Dan jgħin biex il-popolazzjoni tinżamm f'żoni rurali u biex jitnaqqas ir-riskju ta' abbandun tal-art, li jista' jwassal għal degradazzjoni ambjentali u għat-telf ta' pjaġġi tradizzjonali. Mudelli ta' negozju innovattivi jistgħu jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi kurrenti billi jirkupraw iċ-ċentralità tat-trobbija tal-bhejjem f'dawn it-territorji.

It-tnaqqis fit-trobbija tal-bhejjem huwa marbut mill-qrib mal-abbandun tal-art f'haġna reġjuni Ewropej. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) jistma ⁽²⁹⁾ li madwar 11 % tal-art agrikola tal-UE tista' tiġi abbandunata sal-2030, filwaqt li kważi kwart (1,38 miljun ettaru) tal-abbandun agrikolu kollu fl-UE x'aktarx iseħħ f'żoni muntanjużi. Dan għandu wkoll implikazzjonijiet demografiċi sinifikanti. Dawn l-isfidi għandhom jiġu indirizzati b'mod koerenti u integrat, inkluż permezz tal-politiki futuri tagħna dwar id-demografija. Iż-żoni rurali għandhom potenzjal enormi biex isiru **forza ewlenija tar-reżiljenza Ewropea, tat-tkabbir sostenibbli u tal-preparatezza**. Il-ħolqien ta' żoni rurali ekonomikament attraenti u abitabbli se jgħin biex jinżammu u jiġu attirati n-nies, u b'hekk jikkontribwixxi għall-vitalità fit-tul ta' dawn ir-reġjuni.

L-opportunità li l-vulnerabbiltajiet rurali jinbidlu f'assi tanġibbli fit-tul hija akbar minn qatt qabel. L-UE qed tibda ppjanar aktar ikkoordinat u integrat biex tappoġġa t-tkabbir ekonomiku sostenibbli tagħha, bl-użu tal-PNR bħala għodda ta' ppjanar integrat.

Biex tindirizza din l-isfida, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tiżviluppa pjan dwar kif tindirizza l-bżonnijiet speċifiċi tar-reġjuni u taż-żoni rurali f'riskju ta'

⁽²⁸⁾ [Extensive livestock systems and nature in Europe | Publications | L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent \(EEA\)](#), 07/2026. Il-briefing tal-EEA jiddikjara li terz tal-habitats tal-Anness I skont id-Direttiva dwar il-Habitats jiddependu fuq merġa estensiva

⁽²⁹⁾ <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC113718>

abbandun, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni speċifika fir-Reġjun tal-Fruntiera tal-Lvant li jmiss mar-Russja, il-Belarużja u l-Ukrajna. L-għan huwa li **terġa' tingiebb lura l-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem** fejn tappartjeni b'mod naturali u fejn hija mixtieqa għall-benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi tagħha, filwaqt li tiġi żgurata l-prestazzjoni ta' reġjuni u komunitajiet aktar kompetittivi. Tali pass jista' jiġi xprunat billi jiġu attirati l-atturi kollha meħtieġa għal **katina ta' valur effettiva li tkun ankrata fil-komunitajiet rurali**, mill-bdiewa sal-konsumaturi permezz tal-biċċeriji, il-proċessuri artiġjanali u s-swieq lokali.

L-Osservatorju Ewropew tal-Art futur ⁽³⁰⁾ se jikkontribwixxi għal dan il-proċess billi jiskambja informazzjoni u l-aħjar prattiki biex jindirizza l-abbandun tal-art u billi javvanza fuq l-analiżi dwar il-bidliet fl-użu tal-art u l-ġestjoni sostenibbli tal-art.

Bil-PAK futura, l-Istati Membri għandhom ħafna għodod għad-dispożizzjoni tagħhom biex jindirizzaw l-appoġġ lejn żoni vulnerabbli tal-bhejjem. L-introjt akkoppjat immirat u l-appoġġ għal żoni b'restrizzjonijiet naturali għandhom ikunu ffukati fuq setturi u fuq żoni fejn huma l-aktar meħtieġa. Wieħed mill-kompiti ewlenin se jkun li **tiġi attirata ġenerazzjoni ġdida tal-bdiewa** f'żoni fejn il-bhejjem ħallew vojt soċjali, permezz ta' għajjnuna inizjali, l-innovazzjoni soċjali, l-intraprenditorija u l-investment, politiki ta' aċċess għall-art, appoġġ għall-introjt u inċentivi. Madankollu, l-isfida tmur lil hinn minn dak li l-PAK waħedha tista' twassal. L-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur tal-bhejjem integrati lokalment jeħtieġ investimenti kkoordinati fl-infrastruttura, faċilitajiet tal-ipproċessar, diġitalizzazzjoni u strutturi tas-suq, appoġġati minn politiki soċjali u tax-xogħol u, fejn rilevanti, minn appoġġ prattiku biex jgħin lill-bdiewa jindirizzaw il-pressjoni relatata mal-ħajja selvaġġa.

Eżempju wieħed li jista' jiġġenera mill-ġdid l-ekonomija lokali u fl-istess ħin itejjeb il-benesseri tal-annimali huwa l-investimenti f'biċċeriji b'kapaċità żgħira u mobbli f'żoni remoti. Il-Kummissjoni, assistita mill-FLuss ta' Ħidma dwar il-Bhejjem, se jiddedika riżorsi speċifiċi għall-iżvilupp ta' **pjan direzzjonali dwar il-biċċeriji, billi jeżamina kif titrawwem il-preżenza tagħhom f'żoni rurali, kemm jekk fissi kif ukoll jekk mobbli**, billi juża proġetti diġà ffinanzjati ⁽³¹⁾ u billi jqis l-aspetti tal-benesseri tal-annimali.

Pereżempju: Network ta' pproċessar lokali flessibbli b'biċċeriji b'kapaċità żgħira u mobbli (mudell ta' reżiljenza tal-katina tal-valur rurali). F'reġjuni b'popolazzjoni baxxa jew muntanjużi, l-Istati Membri jappoġġaw sistema ta' pproċessar ibrida li tgħaqqad faċilitajiet permanenti żgħar ma' biċċeriji mobbli.

- Tiġi stabbilita kooperattiva reġjonali tal-bhejjem, li tiġbor flimkien ir-riżorsi tal-bdiewa biex tiġġestixxi l-loġistika u l-iskedar.
- L-Istat Membru jikkofinanzja unitajiet mobbli tal-qatla li jivvjaġġaw bejn farms jew punti ta' ġbir magħżula filwaqt li jżommu standards tas-saħħa tal-annimali u tas-sikurezza tal-ikel.

⁽³⁰⁾ Strateġija għat-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura. COM/2025/872 final

⁽³¹⁾ Eżempji ta' proġetti ffinanzjati taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għall-innovazzjoni u t-titjib tal-benesseri tal-annimali fil-Ġermanja: [TadeLoS - Onfarm Slaughtering of Cattle without Stress | EU CAP Network](#) u [Fully mobile slaughter unit in Thuringia | EU CAP Network](#). ara wkoll eżempju ta' proġett iffinanzjat taħt H2020 biex tiġi implimentata biċċerija mobbli fi Franza: [Practical case: Mobile Slaughter Unit | EU CAP Network](#)

- Simplifikazzjoni u ottimizzazzjoni leġiżlattiva fil-livell tal-UE u nazzjonali, inkluż għar-reġistrazzjoni u r-rikonossiment.
- Dan huwa kkomplementat minn faċilitajiet żgħar tat-tqattigħ u l-imballaġġ u ħażna fil-friża li jkunu jinsabu fi bliet rurali, immodernizzati bl-appoġġ tal-UE.
- Is-sistema hija integrata fi skema ta' ċertifikazzjoni tal-kwalità li tirrifletti l-eċċellenza tal-UE biex issaħħa l-identità u l-valur tal-prodott.
- Ġew introdotti għodod diġitali (pjattaformi ta' prenotazzjoni, sistemi ta' traċċabilità) biex jottimizzaw ir-rotot, jiżguraw konformità mal-benesseri tal-annimali u jnaqqsu l-ħinijiet ta' stennija. B'aktar qtil lokali, il-benesseri tal-annimali jitjieb grazzi għal inqas trasport fuq distanzi twal għal annimali haġġin.

L-infrastruttura diġitali moderna hija kruċjali għall-attraenza taż-żoni rurali u għat-titjib tal-kontribut tat-trobbija tal-bhejjem għall-għajxien rurali. L-Istati Membri għandhom jaċċelleraw l-investimenti fil-broadband b'veloċità għolja, 5G, konnettività bis-satellita u barra mill-grid biex jippermettu l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji tal-biedja intelliġenti, sistemi ta' ġestjoni tal-bhejjem mill-bogħod u aċċess għal servizzi online.

Ir-reżiljenza soċjali hija ta' importanza kritika wkoll. Il-benesseri u s-saħħa mentali tal-bdiewa li jrabbu l-bhejjem tal-UE huma influwenzati mhux biss mill-pressjonijiet tal-introjt u iżda wkoll minn kundizzjonijiet tax-xogħol impenjattivi, sigħat twal u minn iżolament soċjali, partikolarment f'żoni rurali aktar remoti. Għalhekk, l-aċċess għal servizzi ta' sostituzzjoni u ta' għajjuna huwa importanti, peress li jippermetti lill-bdiewa jieħdu liv, f'każ ta' mard jew responsabbiltajiet familjari, u jnaqqas l-istress u l-burnout. Il-bżonnijiet u d-differenzi speċifiċi għall-ġeneru għandhom jiġu indirizzati wkoll b'mod adegwat. L-iżvilupp tal-ħiliet huwa fattur soċjali ewlieni ieħor, bil-bdiewa jitħarrġu dejjem aktar fil-benesseri tal-annimali, Prattiki ambjentali, għodod diġitali u ġestjoni tan-negozju biex jibqgħu reżiljenti u jadattaw għall-bidliet fil-politika u fid-domandi tas-suq. Ir-rwol tas-servizzi ta' konsulenza u l-politiki tal-iżvilupp rurali huwa kritiku f'dan ir-rigward.

Ir-riżorsi reġjonali tal-ġhalf itejbu r-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-awtonomija strateġika filwaqt li jnaqqsu d-dipendenzi tal-importazzjoni. Billi jintegraw il-mergħat, il-koprodotti, u l-għelejjel tal-proteina mkabbra fl-UE, dawn is-sistemi jnaqqsu l-emissjonijiet, jappoġġaw l-ekonomija rurali, u jallinjaw mal-għanijiet tal-bijoekonomija ċirkolari. Dawn huma l-fatturi ewlenin tal-Pjan tal-Kummissjoni għar-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-proteini tal-UE.

3.5. Eċċellenza fil-produzzjoni tal-bhejjem

Il-kwalità hija waħda mill-assi strateġiċi tal-Ewropa. F'kuntast ta' aspettattivi soċjetali dejjem jikbru, kompetizzjoni globali u fraġilitajiet territorjali, l-Unjoni Ewropea trid iżżomm u tiżviluppa l-ambizzjoni tagħha għall-eċċellenza fil-produzzjoni tal-bhejjem.

Il-futur tas-settur tal-bhejjem tal-UE mhux se jiddependi biss fuq il-kapaċità tiegħu li jibqa' kompetittiv u reżiljenti, iżda wkoll fuq il-ħila tiegħu **li jagħmel viżibbli, kredibbli u ekonomikament premjanti dak li jiddistingwi l-mudell Ewropew ta' produzzjoni.** Dan jirrifletti mudell ta' trobbija tal-bhejjem li ma huwiex ibbażat fuq l-inqas kost, iżda fuq il-ħolqien ta' valur permezz ta' Prattiki tajbin, kwalità, sostenibbiltà, etika u responsabbiltà.

L-eċċellenza trid tinftiehem b'mod wiesa', mhux limitata għal prodotti niċċa jew primjum. Għandha tikkarakterizza progressivament il-ktajjen tal-valur kollha tal-bhejjem u l-mudelli

kollha tal-produzzjoni. Kull farm għandu jkollu l-possibbiltà li jagħti l-aħjar riżultati tiegħu, li jitjeb kontinwament, u li dawn l-isforzi jiġu rikonoxxuti u ppremjati mis-suq u mill-politika pubblika.

Il-Kummissjoni beħsiebha tiżviluppa **perkors ambizzjuż għall-eċċellenza fil-produzzjoni tal-bhejjem mal-Fluss tax-Xogħol tal-Bhejjem**. Dan il-perkors għandu jippermetti lill-Unjoni li tesprimi b'mod aktar ċar x'jiddistingwi l-produzzjoni Ewropea tal-bhejjem, kemm fis-suq intern kif ukoll fil-kompetizzjoni globali.

L-ewwel prijorità hija t-titjib tar-rikonoxximent tas-suq u l-valorizzazzjoni tal-eċċellenza. Il-bdiewa jistgħu jsostnu standards ambizzjużi biss jekk dawn ikunu ppremjati ekonomikament. Trasparenza akbar fil-katina alimentari kollha, inkluż informazzjoni u tikkettar aktar ċari, hija essenzjali. Il-Kummissjoni se tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati u jirrikonoxxu l-valur tal-prodotti tal-bhejjem tal-UE.

Element ewlieni huwa **l-identifikazzjoni aktar ċara tal-orijini tal-UE**. Il-Kummissjoni beħsiebha ssaħħaħ gradwalment ir-rwol tal-orijini tal-UE fil-kummerċjalizzazzjoni tal-bhejjem permezz ta' standards ta' kummerċjalizzazzjoni, billi tesplora bażi legali estiża taħt l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq. L-ewwel se **tibni fuq ir-regoli tal-laħam tal-pollam** biex ittejjeb il-komunikazzjoni tal-orijini u tislet tagħlimiet għal setturi oħra.

Il-Kummissjoni se taħdem fuq il-valorizzazzjoni tal-istandards oġġla u l-karatteristiċi speċifiċi tal-produzzjoni tal-bhejjem tal-UE permezz ta' termini riżervati fakultattivi skont l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq. Dan jippermetti, fuq bażi volontarja, **terminu ta' "Eċċellenza Ewropea"** li jista' jiġi identifikat b'mod ċar, appoġġat minn speċifikazzjonijiet regolatorji, li jippermetti komunikazzjoni kredibbli u armonizzata ta' karatteristiċi definiti. Il-Kummissjoni se tivvaluta kriterji bħal produzzjoni b'livell baxx ta' karbonju, prattiki favur l-ambjent, użu lokali ta' għalf, trobbija u qtil, u standards għoljin ta' benesseri tal-annimali. Dawn it-termini riżervati fakultattivi jistgħu jintużaw biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà mitluba mill-fondi nazzjonali jew Ewropej għall-aċċess għall-investimenti, li jippermettu lill-bdiewa jaċċessaw opportunitajiet ta' finanzjament mingħajr ma jkollhom ripetutament jissottomettu l-istess evidenza ("il-prinċipju ta' darba biss").

Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll kif l-ġhodod eżistenti jistgħu jappoġġaw aħjar il-valorizzazzjoni tal-kwalità fil-produzzjoni tal-bhejjem, **inkluża l-kwalità tal-laħam**. Il-qafas kurrenti ta' klassifikazzjoni tal-karkassi tal-Unjoni huwa bbażat prinċipalment fuq kriterji kwantitattivi. Filwaqt li jiżgura lingwaġġ tas-suq komuni u trasparenza tal-prezzijiet, ma jirriflettix il-firxa sħiħa ta' attributi ta' kwalità rilevanti għall-konsumaturi u l-valorizzazzjoni tas-suq. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk, fuq bażi volontarja, jistax jiġi żviluppat ulterjorment biex jinkludi ċerti karatteristiċi kwalitattivi, bħal attributi organolettiċi jew tal-metodu ta' produzzjoni, u jekk dawn jistgħux jiġu appoġġati minn termini riżervati fakultattivi biex itejbu d-differenzjazzjoni, il-ħolqien tal-valur, u r-rikonoxximent tal-kwalità.

Bħala t-tieni prijorità, il-Kummissjoni se tagħti viżibbiltà akbar lis-sistemi tal-bhejjem integrati territorjalment. Se tuża l-politika ta' promozzjoni tal-UE biex tenfasizza l-kwalità, is-sostenibbiltà, l-istandards għoljin tal-benesseri, b'mod partikolari s-sistemi ta' biedja ħielsa mill-gaġeġ u l-produzzjoni tal-bajd mingħajr il-qtil tal-flielés maskili, u l-ankraġġ territorjali tal-prodotti tal-bhejjem tal-UE kemm fis-swieq interni kif ukoll daww esterni. Appoġġ aktar b'saħħtu se jkun dirett lejn sistemi marbuta mill-qrib maż-żoni rurali, it-titjib tal-komunikazzjoni tal-valur miżjud u r-rinfurzar tal-pożizzjonament primjum fejn ikun iġġustifikat.

Biex jimmassimizzaw ir-redditu tas-suq, il-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw b'mod partikolari fuq il-**marka territorjali tal-prodotti** li torbot il-prodotti tal-bhejjem mal-identità storika u mal-karatteristiċi naturali tar-reġjuni jew mar-razza speċifika tagħhom; l-inizjattivi tal-agrituriżmu u tad-diversifikazzjoni; u l-ġestjoni kollettiva tal-pajsaġġ biex tiġi protetta l-bijodiversità u jiġu ġestiti l-pajsaġġi fi ħdan ekosistemi bbażati fuq il-bhejjem.

Biex tappoġġa dawn l-isforzi fuq skala akbar, il-**Politika tal-UE dwar il-Promozzjoni Agrikola tista' tiddedika tieqa promozzjonali speċjalizzata** li tiffoka fuq sistemi ta' bhejjem inkorporati territorjalment, u se taċċellera l-penetrazzjoni tagħhom fis-suq.

It-tielet prijorità tibni fuq il-politika ta' kwalità eżistenti tal-UE, b'mod partikolari l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG) u l-produzzjoni organika. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-adozzjoni, il-promozzjoni u l-protezzjoni tagħhom bħala għodod ewlenin. Biex issaħħaħ dawn l-oqfsa, il-Kummissjoni se tirrieżamina l-pjanijiet ta' azzjoni organiċi u l-IG.

4. KONKLUŻJONIJIET

F'ekonomija globali dejjem aktar iebsa, ir-rispons tal-Unjoni huwa li tagħmel l-oġettivi ta' reżiljenza, kompetittività, sostenibbiltà, territorjalità u eċċellenza rinforzanti reċiprokament bħala l-mod Ewropew tat-trobbija tal-bhejjem.

L-istrateġija tal-UE għall-bhejjem tippreżenta viżjoni koeżiva għall-futur tas-settur tal-bhejjem. Il-Kummissjoni tippromwovi narrattiva pożittiva u bbilanċjata dwar il-bhejjem, filwaqt li tirrikonoxxi kemm l-isfidi tagħha, inkluża l-impronta ambjentali u klimatika, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tas-settur għall-provvista tal-ikel, l-impjiegi, il-koeżjoni territorjali, il-bijodiversità, u l-valur kulturali.

Ir-reżiljenza se tissaħħaħ permezz ta' sforzi kkoordinati biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, tissaħħaħ il-bijosigurtà, jiġu indirizzati sfidi soċjali, u tittejjeb l-affidabbiltà tas-suq u tal-katina tal-provvista.

Il-kompetittività se tissaħħaħ billi jiġu indirizzati d-diskrepanza fil-finanzzjament u s-sitwazzjoni fejn l-ammont ta' bhejjem f'ċerti reġjuni dejjem jonqos, titrawwem l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, it-taħriġ f'ħiliet, u tiġi żgurata l-ġustizzja fil-kummerċ.

Is-sostenibbiltà se tinkiseb billi jitnaqqsu l-impronti ambjentali, tiġi appoġġata l-bijodiversità, u jiġu promossi sistemi agrikoli ċirkolari u orjentati lejn il-benesseri tal-annimali li jsostnu l-vitalità rurali.

It-territorjalità tirrikonoxxi l-pajsaġġi varjati u l-kundizzjonijiet lokali tal-Ewropa, tagħti s-setgħa lil ġenerazzjonijiet ġodda ta' bdiewa u ssaħħaħ l-ekonomiji reġjonali.

B'mod kollettiv, dawn l-isforzi kkoordinati mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri, u mill-partijiet ikkonċernati se jibnu qafas robust ta' **eċċellenza** li jappoġġa lis-settur tal-bhejjem biex jirnexxi fost il-kompetizzjoni globali.

Il-Kummissjoni, assistita bil-Fluss ta' Ħidma tal-UE dwar il-Bhejjem se jimmonitorja u se jirrapporta dwar il-progress. Billi jinvolvi ruħu b'mod attiv f'dawn l-inizjattivi strateġiċi, is-settur jista' jħares 'il quddiem lejn futur sostenibbli, ġust u għani.